



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2011/0217(COD)

22.3.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013)
(COM(2011)0489 – C7-0217/2011 – 2011/0217(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Nikolaos Salavrakos

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu 21(2) tiegħu***

Emenda

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar ***l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***, u b'mod partikolari ***l-Artikolu 20(2) ta' dan tal-aħħar***

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Artikolu 20(1) tat-Trattat ***jistabbilixxi*** li ċ-ċittadinanza ***fl-Unjoni*** hija addizzjonali għaċ-Ċittadinanza tal-Istati Membri rispettivi, u ***jistipula*** li kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza fi Stat Membru għandha tkun ***ċittadina*** tal-Unjoni. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 20 jispeċifika li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw mid-drittijiet u jkunu soġġetti għad-dmirijiet preskritti fit-Trattati, u li jkollhom, fost oħrajn, id-dritt li jsiefru u jmorru jgħixu liberament fit-territorji tal-Istati Membri. Id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni ta' moviment liberu u ta' residenza huwa stabbilit ukoll fl-Artikolu 21 tat-Trattat.

Emenda

(1) L-Artikolu 20(1) tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxu*** li ċ-ċittadinanza ***tal-Unjoni*** hija addizzjonali għaċ-Ċittadinanza tal-Istati Membri rispettivi, u ***jistipulaw*** li kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza fi Stat Membru għandha tkun ***ċittadin*** tal-Unjoni. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 20 jispeċifika li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw mid-drittijiet u jkunu soġġetti għad-dmirijiet preskritti fit-Trattati, u li jkollhom, fost oħrajn, id-dritt li jsiefru u jmorru jgħixu liberament fit-territorji tal-Istati Membri. Id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni ta' moviment liberu u ta' residenza huwa stabbilit ukoll fl-

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(1a) L-Artikolu 20 jagħti wkoll liċ-
ċittadini tal-Unjoni d-dritt li jivvutaw u li
joħorġu bħala kandidati għall-Parlament
Ewropew kif ukoll għall-gvern
muniċipali, li jgawdu l-protezzjoni tal-
missjoni diplomatika ta' kwalunkwe Stat
Membru f'pajjiż terz fejn l-Istat Membru
tagħhom ma jkunx rappreżentat.***

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(1b) Iċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet li
jirrappreżentawhom huma ċentrali għall-
funzjonament tal-Unjoni, kif iddikjarat fl-
Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni
Ewropea, li jenfasizzaw l-importanza tal-
aspetti kollha tad-demokrazija
parteċipattiva.***

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona saħħaħ l-istatus taċ-ċittadinanza fl-Unjoni u żied mad-drittijiet marbutin magħha, inkluż bl-introduzzjoni ta' dritt ġdid, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini, li tippermetti lil miljun ċittadin, minn ***għadd sinifikanti ta'***

(2) Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona saħħaħ l-istatus taċ-ċittadinanza fl-Unjoni u żied mad-drittijiet marbutin magħha, inkluż bl-introduzzjoni ta' dritt ġdid, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini, li tippermetti lil ***tal-anqas*** miljun ċittadin, minn ***tal-anqas***

Stati Membri, li jitolbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta fi kwalunkwe qasam ta' responsabbiltà tal-UE.

kwart tal-Istati Membri, li jitolbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta fi kwalunkwe qasam ta' responsabbiltà tal-UE.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Kull ċittadin tal-Unjoni u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandhom ikunu jistgħu, individwalment jew flimkien ma' ċittadini jew persuni oħra, fi kwalunkwe ħin, jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 227 tat-TFUE.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Kull ċittadin tal-Unjoni u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jressqu petizzjonijiet quddiem l-Ombudsman Ewropew rigward każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta tkun qed tagħxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2c) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tippovdi li kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni b'waħda mil-lingwi tat-Trattati u għandha tirċievi tweġiba bl-istess lingwa.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Id-drittijiet li huma inerenti fiċ-ċittadinanza huma inkorporati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Skont il-Preambolu tal-Karta, l-Unjoni "tqiegħed lill-individwu fil-qalba tal-attivitajiet tagħha billi tistabbilixxi ċittadinanza tal-Unjoni u billi toħloq spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja". Il-Kapitolu V tal-Karta tistabbilixxi "id-drittijiet taċ-Ċittadini", inkluż, fl-Artikolu 45, id-dritt ta' kull ċittadin tal-Unjoni li jiċċirkola u jgħix bla xkiel fit-territorji tal-Istati Membri.

(3) Id-drittijiet li huma inerenti fiċ-ċittadinanza huma inkorporati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Skont il-Preambolu tal-Karta, l-Unjoni "***hi mibnija fuq il-valuri indiviżibbli u universali tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tal-ugwaljanza u tas-solidarjetà***" u "tqiegħed lill-individwu fil-qalba tal-attivitajiet tagħha billi tistabbilixxi ċittadinanza tal-Unjoni u billi toħloq spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja". Il-Kapitolu V tal-Karta tistabbilixxi "id-drittijiet taċ-Ċittadini", inkluż, fl-Artikolu 45, id-dritt ta' kull ċittadin tal-Unjoni li jiċċirkola u jgħix bla xkiel fit-territorji tal-Istati Membri. ***Dak id-dritt għandu għalhekk, mingħajr aktar dewmien, jingħata lil dawk ta' nazzjonalità Rumena u dawk ta' nazzjonalità Bulgara.***

Emenda 10

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 4**

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Bl-istess mod, il-Programm ta' Stokkolma jqiegħed liċ-ċittadin fil-qalba tal-politiki Ewropej fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja. Huwa jiffoka l-azzjonijiet tiegħu fuq "il-binja ta' Ewropa għaċ-ċittadini", billi jiżgura, fost affarijiet oħrajn, l-eżerċizzju sħiħ tad-dritt taċ-ċittadini ta' moviment liberu.

Emenda

(4) Bl-istess mod, il-Programm ta' Stokkolma jqiegħed liċ-ċittadin fil-qalba tal-politiki Ewropej fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja. Huwa jiffoka l-azzjonijiet tiegħu fuq "il-binja ta' Ewropa għaċ-ċittadini", billi jiżgura, fost affarijiet oħrajn, l-eżerċizzju sħiħ tad-dritt taċ-ċittadini ta' moviment liberu, **u jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, fis-sens li l-faċilitazzjoni tal-moviment ħieles u l-mobilità tal-ħaddiema hija mezz importanti biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-bidla demografika fuq is-suq tax-xogħol u biex jiżdiedu l-impjegabilità tal-persuni u l-kompetittività tal-industriji Ewropej.**

Emenda 11

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Il-libertà tal-ħsieb, tal-espressjoni u tal-informazzjoni u l-pluraliżmu u l-indipendenza tal-midja huma prinċipji essenzjali għall-eżerċizzju taċ-ċittadinanza.

Emenda 12

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) B'mod partikolari, il-moviment liberu u l-mobbiltà tal-ħaddiema jgħinu biex jindirizzaw il-konsegwenzi tat-tibdil

(7) B'mod partikolari, il-moviment liberu u l-mobbiltà tal-ħaddiema jgħinu biex jindirizzaw il-konsegwenzi tat-tibdil

demografiku fuq is-suq tax-xogħol filwaqt li jżidu l-impjegabbiltà tan-nies u l-kompetittività tal-industriji Ewropej. Fl-istess ħin, il-moviment liberu jew jippermetti, bħala kundizzjoni essenzjali, jew iħeġġeġ l-eżerċizzju miċ-ċittadini, ta' medda wiesgħa ta' drittijiet li hemm disponibbli għalihom fil-liġi tal-Unjoni, bħalma huma d-drittijiet tagħhom li jkollhom aċċess għall-prodotti u s-servizzi bħala konsumaturi, jew id-drittijiet li għandhom bħala passiġġieri u turisti. Il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu għalhekk għandha l-potenzjal li ttejjeb l-opportunitajiet taċ-ċittadini li jibbenefikaw b'mod sħiħ mis-suq waħdieni filwaqt li hija mutur ewlieni għat-tkabbir.

demografiku fuq is-suq tax-xogħol filwaqt li jżidu l-impjegabbiltà tan-nies u l-kompetittività tal-industriji Ewropej. **Barra minn hekk, fl-isfond attwali ta' ċifri allarmanti ta' qgħad fi Stati Membri individwali, jipprovd u opportunità sabiex il-provvista u d-domanda tax-xogħol jerġgħu jinġiebu f'livelli aħjar u, konsegwenza ta' dan, jgħinu biex jittaffew it-tensjonijiet fis-suq Ewropew tax-xogħol.** Fl-istess ħin, il-moviment liberu jew jippermetti, bħala kundizzjoni essenzjali, jew iħeġġeġ l-eżerċizzju miċ-ċittadini, ta' medda wiesgħa ta' drittijiet li hemm disponibbli għalihom fil-liġi tal-Unjoni, bħalma huma d-drittijiet tagħhom li jkollhom aċċess għall-prodotti u s-servizzi bħala konsumaturi, jew id-drittijiet li għandhom bħala passiġġieri u turisti. Il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu għalhekk għandha l-potenzjal li ttejjeb l-opportunitajiet taċ-ċittadini li jibbenefikaw b'mod sħiħ mis-suq waħdieni filwaqt li hija mutur ewlieni għat-tkabbir.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Id-dritt li wieħed imur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorji tal-Istati Membri huwa apprezzat ħafna miċ-ċittadini tal-Unjoni bħala dritt ewlieni tal-individwu li jiġi direttament miċ-ċittadinanza fl-Unjoni. F'dan is-sens, huwa juri u jippromwovi fehim aħjar tal-valur tal-integrazzjoni Ewropea, kif ukoll il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-formazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Meta ċ-ċittadini jestendu parti minn ħajjithom lil hinn mill-fruntieri nazzjonali billi jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra jew imorru jgħixu hemm, huma jsiru konxji tal-medda wiesgħa ta' drittijiet mogħtija skont il-liġi

Emenda

(8) Id-dritt li wieħed imur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorji tal-Istati Membri, **inter alia għall-fini ta' xogħol jew studju**, huwa apprezzat ħafna miċ-ċittadini tal-Unjoni bħala dritt ewlieni tal-individwu li jiġi direttament miċ-ċittadinanza fl-Unjoni. F'dan is-sens, huwa juri u jippromwovi fehim aħjar tal-valur tal-integrazzjoni Ewropea, kif ukoll il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-formazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Meta ċ-ċittadini jestendu parti minn ħajjithom lil hinn mill-fruntieri nazzjonali billi jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra jew imorru jgħixu hemm, huma jsiru konxji tal-medda

tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet transkonfinali, u jisfruttawhom. L-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza għalhekk jikkontribwixxi biex jagħmel iċ-ċittadinanza fl-Ewropa realtà tanġibbli fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

wiesgħa ta' drittijiet mogħtija skont il-liġi tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet transkonfinali, u jisfruttawhom. L-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza għalhekk jikkontribwixxi biex jagħmel iċ-ċittadinanza fl-Ewropa realtà tanġibbli fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Minkejja li d-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza huwa stabbilit sew fil-leġislazzjoni ewlenija tal-Unjoni, u li għe żviluppat b'mod sostanzjali fil-leġislazzjoni sekondarja, għad hemm lakuna bejn ir-regoli legali applikabbli u r-realtà li jiffaċċaw iċ-ċittadini meta jippruvaw jeżerċitaw dan id-dritt fil-prattika. Barra mill-inċertezza dwar il-vantaġġi tal-mobbiltà, iċ-ċittadini tal-Unjoni **jsibu** wisq ostakoli materjali biex imorru joqogħdu u jaħdmu fi Stat ieħor tal-Unjoni.

Emenda

(9) Minkejja li d-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza huwa stabbilit sew fil-leġislazzjoni ewlenija tal-Unjoni, u li għe żviluppat b'mod sostanzjali fil-leġislazzjoni sekondarja, għad hemm lakuna bejn ir-regoli legali applikabbli u r-realtà li jiffaċċaw iċ-ċittadini meta jippruvaw jeżerċitaw dan id-dritt fil-prattika. Barra mill-inċertezza dwar il-vantaġġi tal-mobbiltà, iċ-ċittadini tal-Unjoni **jaffaċċjaw** wisq ostakoli materjali **u mhux ġustifikati biex** imorru joqogħdu u **b'mod partikolari biex** jaħdmu fi Stat ieħor tal-Unjoni.

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Il-mobbiltà tal-istudenti tingħata appoġġ qawwi, inter alia, mill-programm Erasmus. Madankollu, għad fadal l-ostakli, b'mod partikolari bħala riżultat ta' nuqqasijiet fir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi u kwalifiki.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Minħabba li d-dritt ta' moviment liberu jtejjeb b'mod sinifikanti l-ħajja tal-individwi, huwa essenzjali li t-tagħrif dwar l-eżistenza ta' dan id-dritt ***u dwar il-kundizzjonijiet biex wieħed jeżerċitaw*** ikun disponibbli fuq firxa kemm jista' jkun wiesgħa. Billi ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jistgħu jibbenefikaw minn dan id-dritt, l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni għandhom isiru mal-Unjoni kollha.

Emenda 17

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 13**

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Mod partikolari, iċ-ċittadini li jkunu qed jaħsbuha għandhomx jeżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu għandhom jiġu mgħarrfa dwar id-drittijiet li jakkwistaw jew iżommu d-drittijiet tas-sigurtà soċjali permezz tar-regoli tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali; dawn ir-regoli jiżguraw li huma ma jtilfux id-drittijiet tagħhom tas-sigurtà soċjali jekk jagħżlu li jmorru minn post għal ieħor fl-Ewropa. Għandhom jiġu mgħarrfa wkoll dwar id-dritt li l-kwalifiki professjonali tagħhom jiġu rikonoxxuti u dwar il-kompetenzi soċjali u ċivili li jiffurmaw parti mill-qafas Ewropew ta' "Kompetenzi Ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja" u li jistgħu jgħinuhom biex jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja ċivika u jtuhom is-setgħa li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġijiet tal-Unjoni.

Emenda

(11) Minħabba li d-dritt ta' moviment liberu jtejjeb b'mod sinifikanti l-ħajja tal-individwi, huwa essenzjali li t-tagħrif dwar l-eżistenza ta' dan id-dritt, ***li l-eżerċizzju tiegħu jinkludi wkoll obbligi li jridu jiġu ssodisfati miċ-ċittadini (pereżempju jagħtu prova ta' impjeg regolari wara residenza ta' tliet xhur)***, ikun disponibbli fuq firxa kemm jista' jkun wiesgħa. Billi ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jistgħu jibbenefikaw minn dan id-dritt, l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni għandhom isiru mal-Unjoni kollha.

Emenda

(13) Mod partikolari, iċ-ċittadini li jkunu qed jaħsbuha għandhomx jeżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu għandhom jiġu mgħarrfa dwar id-drittijiet li jakkwistaw jew iżommu d-drittijiet tas-sigurtà soċjali permezz tar-regoli tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali; dawn ir-regoli jiżguraw li huma ma jtilfux id-drittijiet tagħhom tas-sigurtà soċjali jekk jagħżlu li jmorru minn post għal ieħor fl-Ewropa. Għandhom jiġu mgħarrfa wkoll dwar id-dritt li l-kwalifiki professjonali ***u akkademiċi*** tagħhom jiġu rikonoxxuti u dwar il-kompetenzi soċjali u ċivili li jiffurmaw parti mill-qafas Ewropew ta' "Kompetenzi Ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja" u li jistgħu jgħinuhom biex jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja ċivika u jtuhom is-setgħa li jeżerċitaw ***b'mod komprensiv*** id-drittijiet tagħhom skont il-liġijiet tal-Unjoni.

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Iċ-ċittadini tal-Unjoni, b'mod partikolari l-ħaddiema li huma potenzjalment mobbli f'reġjuni transkonfinali, għandhom jiġu mgħarrfa bil-Portal Ewropew dwar il-Mobilità fix-Xogħol, fejn jistgħu jakkwistaw tagħrif dwar is-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (in-network EURES) u l-oġettivi tiegħu.

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13b) Iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom ukoll jiġu mgħarrfa bil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, li jipprovdi tagħrif dwar is-sistemi tal-ġustizzja u jtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja fl-Unjoni kollha bi 22 lingwa.

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) F'dan il-kuntest, iċ-ċittadini għandhom ikunu infurmati aħjar dwar id-drittijiet tagħhom bħala passiġġieri meta jkunu qed jivvjaġġaw bi kwalunkwe mezz ta' trasport fl-Unjoni Ewropea, u dwar id-drittijiet transkonfinali tagħhom bħala konsumaturi. Jekk iċ-ċittadini jkollhom fiduċja li d-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi huma mħarsin b'mod effettiv, huma jikkontribwixxu aktar biex is-suq Ewropew għall-prodotti u s-servizzi jiżviluppa għall-

(14) F'dan il-kuntest, iċ-ċittadini għandhom ikunu infurmati aħjar dwar id-drittijiet tagħhom bħala passiġġieri meta jkunu qed jivvjaġġaw bi kwalunkwe mezz ta' trasport fl-Unjoni Ewropea, u dwar id-drittijiet transkonfinali tagħhom bħala konsumaturi. Jekk iċ-ċittadini jkollhom fiduċja li d-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi huma mħarsin b'mod effettiv, **u jkollhom aċċess sħiħ għal proċeduri irħas u sempliċi għas-soluzzjoni tat-tilwim (pereżempju b'rabta**

potenzjal kollu tiegħu, u b'hekk ikunu jistgħu jgawdu aħjar il-benefiċċji minnu. Bl-istess mod iċ-ċittadini għandhom ikunu infurmati aħjar dwar ir-regoli tas-sikurezza ġenerali tal-prodotti u tas-sorveljanza tas-suq, biex ikunu jafu kif saħħithom u d-drittijiet tagħhom huma mħarsa mal-UE kollha, partikolarment fil-każ ta' theddid jew riskji li huma, bħala individwi, ma jkunux jistgħu jlaħħqu magħhom. Huwa importanti wkoll li jittejjeb l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali, biex ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sħiħ minn kura tas-saħħa sikura u ta' kwalità tajba f'kull pajjiż tal-Ewropa.

ma' xiri bl-internet), huma jikkontribwixxu aktar biex is-suq Ewropew għall-prodotti u s-servizzi jiżviluppa għall-potenzjal kollu tiegħu, u b'hekk ikunu jistgħu jgawdu aħjar il-benefiċċji minnu. Bl-istess mod iċ-ċittadini għandhom ikunu infurmati aħjar dwar ir-regoli tas-sikurezza ġenerali tal-prodotti u tas-sorveljanza tas-suq, biex ikunu jafu kif saħħithom u d-drittijiet tagħhom huma mħarsa mal-UE kollha, partikolarment fil-każ ta' theddid jew riskji li huma, bħala individwi, ma jkunux jistgħu jlaħħqu magħhom. Huwa importanti wkoll li jittejjeb l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali, biex ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sħiħ minn kura tas-saħħa sikura u ta' kwalità tajba f'kull pajjiż tal-Ewropa. ***F'dan ir-rigward, għandha ssir referenza wkoll għall-potenzjal vast tal-eHealth u t-telemediċina mhux biss għas-simplifikazzjoni tal-kura tas-saħħa transkonfinali, iżda wkoll biex tittejjeb il-kwalità u tizzied l-effiċjenza tas-servizzi mediċi nazzjonali.***

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Iżjed ma jkunu jafu iċ-ċittadini dwar il-benefiċċji, għalihom bħala individwi u għas-soċjetà, ta' dawn id-drittijiet, iżjed jistgħu jħossu li jappartjenu għall-Unjoni u jħossu lealtà lejha.

Emenda

(16) Iżjed ma jkunu jafu iċ-ċittadini dwar il-benefiċċji, għalihom bħala individwi u għas-soċjetà, ta' dawn id-drittijiet, iżjed jistgħu jħossu li jappartjenu għall-Unjoni u jħossu lealtà lejha. ***Il-Kummissjoni jmissha tiżgura wkoll li r-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, is-soċjetà ċivili u l-midja jkunu involuti iktar mill-qrib biex jgħinu liċ-ċittadini jtejjbu l-fehim tagħhom tal-impatt li l-politiki Ewropej għandhom fuq il-politiki nazzjonali u lokali. Il-kampanji ta' informazzjoni mwettqa bħala parti mis-Sena Ewropea għandhom għalhekk***

jikkomunikaw b'mod komprensiv ukoll il-valur miżjud ta' dawn id-drittijiet u, b'dan il-mod, jiżguraw li è-ċittadini kollha tal-Unjoni, mingħajr eċċezzjoni, jsiru konxji għalkollox dwar iè-ċittadinanza Ewropea tagħhom

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Sena Ewropea taè-Ċittadini fl-2013 tkun toffri opportunità f'waqtha biex jiżdied l-għarfien tal-pubbliku dwar id-drittijiet li hemm marbuta maè-ċittadinanza tal-Unjoni, u ***b'hekk*** tikkontribwixxi biex ***jintlaħaq l-għan ta' ffaċilitar tal-eżerċizzju*** tad-dritt ta' moviment liberu.

Emenda

(17) Sena Ewropea taè-Ċittadini fl-2013 tkun toffri opportunità f'waqtha biex jiżdied l-għarfien tal-pubbliku dwar id-drittijiet li hemm marbuta maè-ċittadinanza tal-Unjoni, ***biex jiġu identifikati l-ostakli għat-tgawdija sħiħa ta' dawk id-drittijiet***, u tikkontribwixxi biex ***jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju*** tad-dritt ta' moviment liberu, ***b'mod partikolari billi tiżgura l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti mis-soċjetà ċivili. Għaldaqstant, u sabiex jinkiseb fluss aħjar ta' informazzjoni għaè-ċittadini, se jkun meħtieġ rappurtar wiesgħa u effettiv dwar l-Unjoni mill-midja tal-Istati Membri.***

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Fil-kuntest tas-Sena taè-Ċittadini (2013) ippjanata, għandhom jittieħdu wkoll miżuri xierqa biex jiġu evitati u kkundannati l-forom kollha ta' intolleranza, diskriminazzjoni, umiljazzjoni u ksenofobija li jaffettwaw liè-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment ħieles u li jivvjaġġaw, jistabbilixxu ruħhom u jaħdmu fl-Unjoni.

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Ir-responsabbiltà ewlenija għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni hija tal-Istati Membri; *l-azzjoni* fil-livell tal-Unjoni tikkomplementa u żżid mal-azzjonijiet nazzjonali f'dan ir-rigward, kif enfasizzat fl-istqarrija politika, "Communicating Europe in Partnership" li ġiet iffirmata fit-22 ta' Ottubru 2008 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

Emenda

(22) Ir-responsabbiltà ewlenija għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni hija tal-Istati Membri; ***Għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom b'mod sħiħ u jissodisfaw ir-responsabilità tagħhom għall-Ewropa li hija tagħna lkoll. Dan jinkludi l-għoti ta' fluss intensiv ta' informazzjoni ta' akkumpanjament u rappurtar immirat dwar l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE. L-azzjoni*** fil-livell tal-Unjoni tikkomplementa u żżid mal-azzjonijiet nazzjonali, ***reġjonali u lokali*** f'dan ir-rigward, kif enfasizzat fl-istqarrija politika, "Communicating Europe in Partnership" li ġiet iffirmata fit-22 ta' Ottubru 2008 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

Jista' jingħata finanzjament mill-Unjoni għal attivitajiet oħrajn minbarra dawk iffinanzjati skont il-baġit tas-Sena Ewropea permezz ta' programmi eżistenti tal-Unjoni jew mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" u l-programm "Id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza",

Emenda

(25) Jista' jingħata finanzjament mill-Unjoni għal attivitajiet oħrajn minbarra dawk iffinanzjati skont il-baġit tas-Sena Ewropea permezz ta' programmi eżistenti tal-Unjoni jew mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" u l-programm "Id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza", ***il-programm Erasmus u l-inizjattiva Żgħażaġħ Mobbli.***

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) Valutazzjoni dettaljata tal-eżiti tal-miżuri mwettqa bħala parti mis-Sena Ewropea taċ-Ċittadini hija prerekwiżit għas-suċċess ta' Snin Ewropej futuri. L-objettiv għandu jkun valutazzjoni komprensiva ta' kif is-Sena Ewropea żvolġiet ruħha u x'kien l-impatt tanġibbli tagħha, li, f'xi każijiet, jinkludi fatturi kwantitattivi kumparabbli (pereżempju kemm persuni kienu fil-mira ta' liema miżuri).

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-għan ġenerali tas-Sena Ewropea se jkun biex ***iżid l-għarfien dwar id-drittijiet marbutin maċ-ċittadinanza fl-Unjoni, biex iċ-ċittadini jiġu mgħejjuna jisfruttaw bis-sħiħ*** id-dritt li jmorru minn post għal ieħor u joqogħdu liberament fejn iridu ***fit-territorji tal-Istati Membri***. F'dan il-kuntest, is-Sena Ewropea se tiffoka, fost affarijiet oħra, fuq l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni ċivika u fuq l-aċċess għad-drittijiet taċ-ċittadini li joqogħdu fi Stat Membru mhux nattiv tagħhom, mill-istudenti, l-ħaddiema, l-konsumaturi, u l-fornituri ta' prodotti u servizzi fl-Unjoni kollha.

L-għan ġenerali tas-Sena Ewropea se jkun biex ***jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni, b'mod partikolari*** id-dritt li jmorru minn post għal ieħor u joqogħdu liberament fejn iridu ***fit-territorju tal-Unjoni***. F'dan il-kuntest, is-Sena Ewropea se tiffoka, fost affarijiet oħra, fuq l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni ċivika u fuq l-aċċess għad-drittijiet taċ-ċittadini ***Ewropej*** li joqogħdu fi Stat Membru mhux nattiv tagħhom, mill-istudenti, l-ħaddiema, l-konsumaturi, u l-fornituri ta' prodotti u servizzi fl-Unjoni kollha. ***Għalhekk se sservi biex tenfasizza l-benefiċċji konkreti taċ-ċittadinanza Ewropea għall-individwi u l-importanza tal-parteċipazzjoni tagħhom fit-tiswir tal-proġett Ewropew kif ukoll, indirettament, biex issaħħaħ is-sens ta' appartenenza tal-Ewropej għall-Unjoni Ewropea. Is-Sena Ewropea tilħaq l-għan politiku tal-***

Kummissjoni li tqiegħed liċ-ċittadini fil-qalba tal-aġenda politika tal-Unjoni Ewropea u li tgħin biex l-Unjoni ssir realtà tanġibbli fil-ħajja ta' kuljum tagħhom, billi tagħti effett reali lid-drittijiet tagħhom.

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– li żżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar ***id-dritt tagħhom li jsiefru u jmorru jgħixu liberament fl-Unjoni Ewropea, u b'mod iżjed ġenerali*** dwar id-drittijiet iggarantiti għaċ-ċittadini tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet transkonfinali, inkluż id-dritt li jieħdu sehem fil-ħajja demokratika tal-Unjoni;

Emenda

– li żżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet iggarantiti għaċ-ċittadini tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet transkonfinali, inkluż id-dritt li jieħdu sehem fil-ħajja demokratika tal-Unjoni;

(Ara l-emenda għall-inċiż 3)

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- li żżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom biex jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali u Ewropej fi kwalunkwe Stat Membru li fih joqogħdu;

Emenda

- li tqajjem il-kuxjenza taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom biex jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali u Ewropej fi kwalunkwe Stat Membru li fih joqogħdu;

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- li żżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni

Emenda

- li żżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni

dwar kif jistgħu, b'mod reali, jibbenefikaw mid-drittijiet u l-politiki tal-Unjoni waqt li jkunu qegħdin jgħixu fi Stat Membru mhux nattiv tagħhom, u thegħgeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-forums ċiviċi dwar politiki u kwistjonijiet tal-Unjoni;

dwar kif jistgħu, b'mod reali, jibbenefikaw mid-drittijiet u l-politiki tal-Unjoni waqt li jkunu qegħdin jgħixu fi Stat Membru mhux nattiv tagħhom, u thegħgeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-forums ċiviċi dwar politiki u kwistjonijiet tal-Unjoni, ***iżda wkoll tiġbdilhom l-attenzjoni għall-ostakoli li għadhom jeżistu biex jeżerċitaw dawk id-drittijiet u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati biex jeżerċitawhom;***

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- li tiżviluppa netwerk aħjar ta' riżorsi tal-informazzjoni u komunikazzjoni qawwija, inklużi għodod interattivi u li tipprovdi informazzjoni bil-lingwi kollha tal-Unjoni dwar il-politiki adottati fil-livell tal-Unjoni u l-impatt fuq il-ħajja privata u professjonali tan-nies;

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– li tistimola l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini tal-Unjoni f'fora ċiviċi dwar politiki u kwistjonijiet tal-Unjoni;

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– li thegħgeġ dibattitu dwar l-impatt u l-potenzjal tad-dritt għall-moviment liberu

– li tqajjem il-kuxjenza taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom li

bħala aspett inaljenabbli taç-çittadinanza fl-UE, b'mod partikolari mill-perspettiva tat-tishiĥ tal-koeżjoni soċjali u l-fehim reċiproku fost iç-çittadini tal-Unjoni, u tal-għaqda bejn iç-çittadini u l-Unjoni.

jiçċirkolaw u joqogħdu liberament fl-Unjoni Ewropea u b'mod aktar ġenerali li thegġegħ dibattitu dwar l-impatt u l-potenzjal tad-dritt għall-moviment liberu bħala aspett inaljenabbli taç-çittadinanza fl-UE, b'mod partikolari mill-perspettiva tat-tishiĥ tal-koeżjoni soċjali u l-fehim reċiproku fost iç-çittadini tal-Unjoni, u tal-għaqda bejn iç-çittadini u l-Unjoni;

Emenda 34

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- li tqajjem il-kuxjenza taç-çittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet tagħhom, skont id-dritt tal-Unjoni, li jkollhom aċċess għall-edukazzjoni, il-programmi soċjali u l-kura tas-saħħa bl-istess rata bhaç-çittadini tal-Istat Membru li fih huma residenti;

Emenda 35

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 3b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- li tqajjem il-kuxjenza taç-çittadini u tal-awtoritajiet dwar il-miżuri xierqa biex jiġu evitati u kkundannati l-forom kollha ta' intolleranza, diskriminazzjoni, umiljazzjoni u ksenofobija li jaffettwaw liç-çittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment ħieles u li jivvjaġġaw, jistabilixxu ruħhom u jaħdmu fl-Unjoni; li thegġegħ id-difiża tad-drittijiet fundamentali u tal-valuri Ewropej u tiġġieled il-forom kollha tal-estremiżmu, kif ukoll li l-Kummissjoni Ewropea, bħala l-gwardjan tat-Trattati, tintervjeni fiç-ċirkostanzi fejn iseħħu tali sitwazzjonijiet

biex tevita li ċ-ċittadini Ewropej jinqasmu f'żewġ kategoriji.

Emenda 36

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 3c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– li żżid l-għarfien tal-fatt li mhux biss l-individwi li jutilqu mill-pajjiż tal-orġini tagħhom jibbenefikaw mill-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni, iżda li d-drittijiet assoċjati maċ-ċittadinanza tal-Unjoni jipprovdu lil kull ċittadin tal-Unjoni f'pajjiżu, mingħajr eċċezzjoni, b'valur miżjud ta' għajnejha fil-ħajjiet tagħhom ta' kuljum ukoll.

Emenda 37

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 3d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- li tqajjem il-kuxjenza taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet tagħhom li jissieħbu f'inizjattiva taċ-ċittadini skont l-Artikolu 11(4) tat-TUE;

Emenda 38

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 3e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- li żżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet tagħhom għal protezzjoni mill-missjoni diplomatika ta' kwalunkwe Stat Membru f'pajjiż terz meta l-Istat Membru tagħhom ma jkunx

irrappreżentat.

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 3f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– li tqajjem il-kuxjenza taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom li jaħdmu fi Stat Membru ieħor u li tippromwovi din il-libertà billi tikoopera mal-partijiet interessati Ewropej u nazzjonali kollha;

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- kampanji ta' tagħrif, ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali u lejn udjenzi aktar speċifiċi;

- kampanji ta' tagħrif, ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali u lejn udjenzi aktar speċifiċi, ***bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali u s-soċjetà ċivili inklużi l-NGOs u l-organizzazzjonijiet bażiċi;***

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- it-tishiġ tar-rwol u tal-viżibbiltà tal-web portals multilingwi L-Ewropa Diretta u L-Ewropa Tiegħek bħala elementi ewlenin ta' sistema ta' informazzjoni fejn wieħed isib kollox dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni;

- it-tishiġ tar-rwol u tal-viżibbiltà ***tan-netwerks ta' informazzjoni li jistgħu jiġu kkonsultati fiżikament fl-Istati Membri*** u tal-web portals multilingwi L-Ewropa Diretta, ***il-Eures*** u L-Ewropa Tiegħek bħala elementi ewlenin ta' sistema ta' informazzjoni fejn wieħed isib kollox dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni;

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

- it-tishiġ tar-rwol u tal-viżibbiltà ta' għodod għas-soluzzjoni ta' problemi, bħalma hu s-SOLVIT, li jippermettu liċ-ċittadini *tal-Ewropa* li jagħmlu *l-aħjar użu* tad-drittijiet tagħhom u li jiddefendu dawn id-drittijiet.

Emenda

it-tishiġ tar-rwol u tal-viżibbiltà ta' għodod *u korpi* għas-soluzzjoni ta' problemi, bħalma hu s-SOLVIT, *u l-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Petizzjonijiet u l-Ombudsman Ewropew bil-għan* li jippermettu liċ-ċittadini *tal-Unjoni* li jagħmlu *użu aħjar* tad-drittijiet tagħhom u li jiddefendu dawn id-drittijiet *skont id-dritt tal-Unjoni*.

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *l-intensifikazzjoni tal-għoti ta' informazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadini u d-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, speċjalment permezz tal-uffiċċji ta' informazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri u n-netwerk tal-ombudsmen nazzjonali.*

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *appoġġ attiv għal rappurtar komprensiv u oġġettiv mill-midja min-naħa tal-Istati Membri.*

Emenda 45

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew biex tikkoordina azzjonijiet konġunti biex tiġi promossa s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini.

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat ta' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi ***Ewropej*** attivi fil-qasam tad-difiża tad-drittijiet taċ-ċittadini u partijiet interessati biex jassistu lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-Livell tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat ta' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi ***tas-soċjetà ċivili Ewropea*** attivi fil-qasam tad-difiża tad-drittijiet taċ-ċittadini u partijiet interessati, ***bħas-sħab soċjali Ewropej, pereżempju***, biex jassistu lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-Livell tal-Unjoni. ***Għandha torganizza wkoll seminars u avvenimenti kif ukoll kampanji tal-midja fl-Istati Membri kollha, għal informazzjoni aħjar għaċ-ċittadini kollha.***

Emenda 47

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Baġit

Il-pakkett finanzjarju għall-attivitajiet li għandhom isiru matul is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 għandu jkun ta' EUR 5 miljun.

Emenda 48

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – parti B – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

***Mhemmx ħsieb li jkun hemm
kofinanzjament tal-inizjattivi.***

Emenda

***Programmi oħrajn tal-Unjoni, bħall-
programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" u l-
programm "Id-Drittijiet Fundamentali u
ċ-Ċittadinanza", jistgħu jintużaw biex
jikkofinanzjaw l-attivitajiet taħt is-Sena
Ewropea għaċ-Ċittadini.***

(Ara l-Emenda għall-Artikolu 5(2))

PROĊEDURA

Titolu	Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013)
Referenzi	COM(2011)0489 – C7-0217/2011 – 2011/0217(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 13.9.2011
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PETI 13.9.2011
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Nikolaos Salavrakos 3.10.2011
Data tal-adozzjoni	19.3.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Elena Băsescu, Heinz K. Becker, Victor Boştinaru, Philippe Boulland, Simon Busuttil, Giles Chichester, Carlos José Iturgaiz Angulo, Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska, Miguel Angel Martínez Martínez, Erminia Mazzoni, Judith A. Merkies, Ana Miranda, Mariya Nedelcheva, Chrysoula Paliadeli, Nikolaos Salavrakos, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Zoltán Bagó, Kinga Göncz, Gerald Häfner, Norica Nicolai, Cristian Dan Preda
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mario Pirillo